




Il-Kummissjoni
Ewropea



Verżjoni aġġornata Diċembru 2023



Mad-daqqa t'għajn: IL-PJAN STRATEGĠIKU TAL-PAK **Ta'MALTA**

Agrikoltura u
Żvilupp Rurali

Il-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK jappoġġaw it-tranżizzjoni lejn settur agrikolu intelliġenti, sostenibbli, kompetittiv, reżiljenti u diversifikat, u jiżguraw sigurtà alimentari fit-tul. Jikkontribwixxu wkoll għall-azzjoni klimatika, għall-protezzjoni tar-riżorsi naturali u għall-preżervazzjoni/għat-titjib tal-bijodiversità, kif ukoll għat-tiġib tan-nisġa soċjoekonomika taż-żoni rurali.

Il-Pjanijiet tal-PAK jappoġġaw firxa wiesgħa ta' interventi li jindirizzaw il-ħtiġijiet speċifiċi tal-Istati Membri u tat-territorji tagħhom. Huma mfassla f'konformità ma' approċċ ġdid orjentat lejn ir-riżultati u l-prestazzjoni, u għandhom l-għan li jwasslu riżultati tanġibbli fir-rigward tal-oġġettivi speċifiċi tal-PAK fil-livell tal-UE, filwaqt li jikkontribwixxu għall-Patt Ekoloġiku Ewropew.

Għall-ewwel darba, kull Pjan tal-PAK jiddefinixxi strateġija li tkopri l-istrumenti ewlenin kollha ffinanzjati mill-PAK: pagamenti diretti, appoġġ għall-iżvilupp rurali u interventi speċifiċi għal ċerti setturi tas-suq.

Il-ħtiġijiet taż-żoni rurali se jiġu indirizzati wkoll minn strumenti oħrajn tal-UE bħall-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (RRF) jew il-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej (FSIE).

L-impatti ta' aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna u tal-kundizzjonijiet estremi tat-temp ikkawżati mit-tibdil fil-klima, jenfasizzaw ir-rabta integrali bejn is-sigurtà alimentari u l-ħtieġa ta' tranżizzjoni lejn sistemi tal-ikel sostenibbli u reżiljenti. F'dan il-kuntest, il-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK joffru opportunitajiet: eż. biex titnaqqas id-dipendenza fuq fertilizzanti sintetiċi u tiżdied il-produzzjoni tal-enerġija rinnovabbli mingħajr ma tiddgħajjef il-produzzjoni tal-ikel; u biex il-kapaċità tal-produzzjoni tas-setturi f'konformità tiġi ttrasformata f'konformità ma' metodi ta' produzzjoni aktar sostenibbli.

Malta ppreżentat l-ewwel proposta tagħha għal Pjan Strateġiku tal-PAK fit-28 ta' Diċembru 2021, wara konsultazzjoni mal-partijiet ikkonċernati. Fl-10 ta' Novembru 2022, Malta ppreżentat proposta riveduta, li tindirizza l-osservazzjonijiet tal-Kummissjoni dwar l-ewwel abbozz. Il-Kummissjoni approvat din il-proposta fit-30 ta' Novembru 2022. Malta talbet l-ewwel emenda tal-Pjan tagħha, li ġie approvat mill-Kummissjoni fl-11 ta' Diċembru 2023. Dan id-dokument jippreżenta xi wħud mill-karatteristiċi ewlenin tal-Pjan Strateġiku tal-PAK ta' Malta.

1. KONT TAF?



L-agrikoltura ta' Malta hija kkaratterizzata minn azjendi agrikoli żgħar u mikro bi rqajja' frammentati. Dan jagħmilha diffiċli li jinkisbu ekonomiji ta' skala u li jkunu kompetittivi fis-suq internazzjonali. Il-karatteristiċi uniċi ta' Malta, bħal limitazzjoni tal-art agrikola u n-nuqqas ta' riżorsi naturali, jagħmlu l-pajjiż dipendenti fuq l-importazzjonijiet minn pajjiżi oħra, b'mod partikolari għall-materja prima u dan ikompli jżid l-ispejjeż tal-produzzjoni. Bosta azjendi agrikoli huma ġestiti fuq bażi part-time minn membri tal-familja li s-sors ewlieni ta' introjtu tagħhom ma huwiex l-agrikoltura.

- ➔ **Aktar minn 300,000 persuna jgħixu f'żoni rurali f'Malta.** Il-popolazzjoni ta' Malta espandiet b'mod sinifikanti matul dawn l-aħħar ftit snin, u qabżet il-516,000 abitant fl-2021. Malta għandha l-ogħla densità tal-popolazzjoni fl-UE li, flimkien ma' sfidi oħrajn, toħloq theddida għas-sigurtà alimentari tagħha..
- ➔ Hemm aktar minn **10,400** azjenda agrikola **f'Malta**, li 90 % minnhom **għandhom daqs ta' inqas minn 2 ettari.**
- ➔ L-erja agrikola totali ta' Malta hija ta' **10,700 ettaru.** It-territorju kollu ta' Malta huwa soġġett għal restrizzjonijiet speċifiċi għaż-żona.

2. GĦANIJIET U STRATEĠIJA TAL-PJAN STRATEĠIKU TAL-PAK TA' MALTA

Il-Pjan Malti tal-PAK jimmira lejn il-ħtiġijiet tas-settur agrikolu bl-għan speċifiku li jipprovdi riżorsi adegwati biex jiġu ssodisfati d-domandi futuri. Dawn jinkludu objettivi ambjentali u klimatiċi, introjtu ġust għall-bdiewa u għall-ħaddiema, it-titjib tal-kundizzjonijiet u l-infrastruttura rurali, teknoloġiji ġodda u d-diġitalizzazzjoni, kif ukoll ir-reżiljenza tal-azjendi agrikoli.

2.1 PAK EKONOMIKAMENT SOSTENIBBLI U AKTAR ĠUSTA

Id-densità għolja tal-popolazzjoni ta' Malta u t-tkabbir tagħha, flimkien ma' diversi speċifitajiet nazzjonali, jagħmlu pressjoni fuq is-settur tal-biedja f'termini tal-iżgurar tal-kapaċità tal-ikel u r-riżorsi meħtieġa. Barra minn hekk, l-introjtu agrikolu ra tnaqqis kostanti u sinifikanti, pereżempju fl-2018 kien biss madwar 50 % tal-medja nazzjonali. Għal din ir-raġuni, Malta se talloka madwar **EUR 16.4 miljun biex tistabbilizza l-introjtu tal-bdiewa** ħalli żżid ir-reżiljenza tagħhom, tiżgura ġestjoni kontinwa tal-pajsaġġi agrikoli u s-sopravvivenza tas-setturi agrikoli ewlenin. Se ssir enfasi wkoll fuq it-tnaqqis tad-differenza fil-pagi bejn l-agrikoltura u setturi oħra tal-ekonomija.

Malta se **tappoġġa wkoll l-investimenti fl-ipproċessar u fil-kummerċjalizzazzjoni tal-prodotti agrikoli**, filwaqt li żżid il-valur miżjud tagħhom u ttejjeb il-kwalità tagħhom. Il-Pjan jappoġġa wkoll l-investimenti fl-infrastruttura li huma ta' benefiċċju għas-settur agrikolu. Dawn l-investimenti jinkludu l-aġġornament u l-modernizzazzjoni tat-toroq fiż-żoni rurali u t-titjib tal-ġestjoni tal-iskart agrikolu.

Barra minn hekk, sabiex jittaffew il-ħinijiet diffiċli li qed jiffaċċjaw **dawk li jrabbu n-naħal**, anke minħabba l-invażjonijiet tal-kaxxi tan-naħal, il-Pjan jipprevedi diversi azzjonijiet ta' rimedju. Pereżempju, se jħarreġ lil dawk li jrabbu n-naħal dwar kif għandhom jitrattaw l-invaduri/il-pesti tal-kaxxi tan-naħal. Se jappoġġa wkoll l-investimenti fil-ġlieda kontra l-invaduri tal-kaxxi tan-naħal, il-mard u l-appoġġ għall-kaxxi tan-nissiela fl-azjendi.

➔ *L-azjendi agrikoli se jibbenefikaw minn madwar EUR 15-il miljun f'setturi li għaddejjin minn diffikultajiet, bħaċ-ċanga, il-ħalib, in-nagħaġ u t-tadam, sabiex jiġi żgurati li jibqgħu sostenibbli u biex jinżamm livell ta' sigurtà alimentari.*

➔ *Aktar minn 200 azjenda agrikola se jirċievu appoġġ għal investimenti differenti, bħat-trobbija ta' preċiżjoni tal-bhejjem, il-kostruzzjoni ta' serer, jew id-diversifikazzjoni f'setturi speċjalizzati ġodda u potenzjali u f'attivitajiet ekonomiċi mhux agrikoli.*

2.2 PAK AKTAR EKOLOĠIKA

Malta qiegħda tiffaċċja sfidi kbar fir-rigward tal-ambjent u l-klima. Is-settur agrikolu jeħtieġ li jlaħħaq ma' temperaturi għoljin tas-sajf, ma' xita annwali baxxa, ma' eventi tat-temp estremi u ma' skarsezza tal-ilma. Sabiex tindirizza dawn il-kwistjonijiet, Malta saħħet l-impenji ekoloġiċi tagħha u toffri bosta inċentivi ambjentali.




Il-konverżjoni għall-**biedja organika se tingħata prijorità**, minħabba l-fatt li Malta għandha l-inqas sehem fl-UE u biex fl-istess ħin tikkontribwixxi għall-miri tal-Patt Ekoloġiku. Malta qiegħda timmira li żżid is-sehem tal-biedja organika mis-66 ettaru attwali għal 272 ettaru sal-2027. Il-konverżjoni għall-biedja organika hija sfida kbira għal Malta peress li l-għelieqi huma żgħar u frammentati ħafna. Madankollu, minħabba l-effetti pożittivi tagħha, bħall-kontribut għall-appoġġ ta' ħamrija aktar b'saħħitha u l-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima, din se tkun ta' prijorità għolja.

Barra minn hekk, il-Pjan se jintroduċi wkoll l-iskemi ekoloġiċi, li fl-ambitu tagħhom, il-bdiewa jingħataw appoġġ għal prattiki volontarji li jmorru lil hinn mir-rekwiżiti legali minimi f'termini ta' klima u l-ambjent. Malta għandha sitt skemi ekoloġiċi u għalihom hemm aktar minn EUR 10 miljun allokati biex **iħeġġu lill-bdiewa jadottaw approċċ aktar sostenibbli** għall-kontrolli tal-pesti (billi jinkoraġġixxu miżuri alternattivi ta' kontroll tal-pesti), biex itejbu u jirrestawraw il-biodiversità jew biex jirkupraw is-saħħa u l-kwalità tal-ħamrija.



- ➔ *Il-provvista tal-ilma hija skarsa ħafna. Għalhekk, il-Pjan jipprevedi appoġġ totali ta' aktar minn EUR 30 miljun biex jappoġġa investimenti għall-ħżin tal-ilma, ir-riċiklaġġ, il-ġbir u t-trattament tal-ilma, pereżempju, l-ilma mormi ttrattat għal użu mill-ġdid.*
- ➔ *Permezz tal-Pjan, Malta qiegħda tinvesti aktar minn EUR 1 miljun biex tiproteġi u tikkonserva xi speċijiet indiġeni, bħat-tiġieġa sewda Maltija, il-gendus Malti u xi siġar indiġeni, bħas-siġra tal-ħarrub u s-siġra taċ-ċawli.*



2.3 PAK SOĊJALMENT SOSTENIBBLI

Malta għandha popolazzjoni agrikola li qiegħda tixjieħ, filwaqt li l-bdiewa żgħażaġħ qed jiffaċċaw bosta ostakli biex jibdedw l-attività agrikola tagħhom, bħad-diffikultajiet fl-aċċess għall-art, fil-kisba ta' assistenza finanzjarja u fl-aċċess għas-swieq. Għalhekk, Malta **qiegħda tiddedika appoġġ biex tgħin lill-bdiewa żgħażaġħ** jstabbilixxu appoġġ sabiex joħolqu negozju ta' suċċess fis-settur agrikolu, jew mill-bidu jew billi tieħu f'idejha azjenda eżistenti. Total ta' 260 bidwi żaġħżuġħ se jibbenefikaw minn appoġġ rilevanti u se jinħolqu aktar minn 250 impjeg ġdid permezz ta' proġetti ffinanzjati mill-Pjan. Malta tipprovdi wkoll fondi biex tittaffa l-irregolarità fl-introjtu tal-bdiewa żgħażaġħ u tipprovdi appoġġ li jista' jikkontribwixxi għall-prestazzjoni ekonomika kontinwa tal-azjenda permezz ta' pagament addizzjonali għal kull ettaru minbarra l-appoġġ għall-introjtu bażiku.

Taħt l-inizjattiva **LEADER**, li tlaqqa' flimkien lill-partijiet ikkonċernati pubbliċi, privati u tas-soċjetà ċivili biex jinstabu soluzzjonijiet kondiviżi għall-isfidi lokali, il-Pjan jappoġġa l-implimentazzjoni ta' strateġiji tal-iżvilupp lokali. Dawk l-istrateġiji se jkollhom l-għan li jtejbu l-kwalità tal-ħajja u l-attraenza taż-żona lokali, joħolqu u jissalvagwardjaw l-impjegi fiż-żoni rurali u jżidu l-valur miżjud u l-kompetittività lokali tagħhom.

Malta hija impenjata wkoll li ttejjeb il-**benessri tal-annimali** billi tintroduċi intervent li se jnaqqas id-densità tat-tiġieġ tas-simna matul il-perjodu tat-tkabbir fl-azjenda. Il-Pjan se jgħin ukoll lill-bdiewa permezz ta' għadd ta' inċentivi biex japplikaw standards aktar stretti dwar il-benessri tal-annimali mil-livelli obbligatorji. Malta se tappoġġa investimenti li jstgħu jgħinu biex jiġi identifikat mard fil-bhejjem li jirriżulta fi trattament immirat aħjar u fi tnaqqis fid-dipendenza fuq l-antimikrobiċi.

→ *Il-pjanijiet ta' negozju kollha ta' suċċess se jingħataw somma f'daqqa ta' EUR 100 000 għal kull bidwi żaġħżuġħ. Madwar 60 bidwi żaġħżuġħ se jibbenefikaw minn dan l-intervent, li għalih Malta qiegħda talloka aktar minn EUR 7 miljun mill-fondi totali, li minnhom aktar minn EUR 4 miljun huma mill-baġit tal-UE għall-iżvilupp rurali.*

→ *Aktar minn 12 % tal-bhejjem se jkunu koperti minn azzjonijiet fil-Pjan li jtejbu l-benessri tal-annimali: b'mod partikolari bit-tnaqqis tal-użu tal-antibijotiċi, it-titjib fis-saħħa tal-ħnieżer (it-tnaqqis tal-qtuġħ tad-denb billi jingħataw aktar spazju tal-art), sistemi alternattivi ħielsa mill-gaġeġ għat-tiġieġ tal-bajd u skema ġdida għat-tiġieġ tat-tnissil, kif ukoll il-ħin estiż fl-akkomodazzjoni tal-grupp għall-ħnieżer nisa u għall-għoġġela.*



3. KONDIVIŻJONI TAL-GĦARFIEN, INNOVAZZJONI U DIĠITALIZZAZZJONI

Is-Sistema tal-Għarfien u l-Infommazzjoni Agrikola (AKIS) għandha l-għan li toħloq network ta' suċċess li permezz tiegħu l-għarfien jista' jinxtred bejn l-atturi differenti. Fl-istess ħin issaħħaħ ir-rabtiet bejn ir-riċerkaturi u l-prattikanti. Il-ħtieġa ta' **taħriġ u pariri** fost il-popolazzjoni agrikola u rurali ta' Malta hija sinifikanti, peress li bosta azjendi huma ġestiti fuq bażi part-time u l-prattiki ta' ġestjoni jingħadew b'mod informali minn ġenerazzjoni għal oħra.

Kwistjonijiet trażverżali sinifikanti huma mmirati għas-settur agrikolu biex ikun jista' jgħedded lilu nnifsu u jkompli jiżviluppa l-produzzjoni ta' ikel prodott b'mod sostenibbli u ta' kwalità għolja. Il-miżuri ta' bini tal-kapaċitajiet huma implimentati biex itejbu l-għarfien dwar il-kwalità, is-sikurezza u t-traċċabbiltà tal-ikel. Il-Pjan se jkollu l-għan li jiżgura approċċ aktar koordinat għat-**trasferiment tal-għarfien, l-innovazzjoni u d-diġitalizzazzjoni** f'Malta fost l-atturi ewlenin.

- Aktar minn 4,100 persuna se jibbenefikaw mill-edukazzjoni vokazzjonali tal-azjendi agrikoli u mit-taħriġ fil-ħiliet, mill-attivitajiet ta' konsulenza u ta' dimostrazzjoni kif ukoll mill-azzjonijiet ta' infommazzjoni biex itejbu l-prestazzjoni ekonomika, soċjali, ambjentali, klimatika u tal-effiċjenza fir-riżorsi sostenibbli.
- Aktar minn 60 azjenda agrikola se jipparteċipaw fi gruppi biex jaqsmu l-għarfien u jtejbju s-setgħa tan-negozjar tal-bdiewa fil-katina tal-provvista permezz ta' organizzazzjoni msaħħa.





4. ANNESS FINANZJARJU

	Finanzjament tal-UE (€)	Finanzjament nazzjonali (€)	Total (€)
Pagamenti diretti	42 954 562	mhux applikabbli	42 954 562
Appoġġ settorjali	70 685	70 685	141 370
Żvilupp rurali	79 288 028	41 114 846	120 402 874
TOTAL	122 313 275	41 185 531	163 498 806

Il-finanzjament nazzjonali ma jinkludix finanzjament nazzjonali addizzjonali msemmi fl-Artikolu 146 tar-Regolament (UE) 2021/2115. Il-Pagamenti Diretti jinkludu allokazzjonijiet għall-qoton stabbiliti fl-Anness VIII tar-Regolament (UE) 2021/2115 u jirriflettu trasferimenti possibbli bejn il-pilastru. Il-pagamenti għall-appoġġ skont ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 ma humiex inklużi fis-CSP. Il-finanzjament nazzjonali għall-appoġġ settorjali huwa relatat biss mal-apikultura. L-Iżvilupp Rurali jirrifletti t-trasferimenti possibbli bejn il-pilastru u jinkludi l-assistenza teknika.

Finanzjament tal-UE riżervat għal	f'EUR	%
Objettivi ambjentali u klimatiċi taħt l-iżvilupp rurali	37 932 279	48%¹
Ekoskemi taħt pagamenti diretti	10 822 323	25%²
LEADER	4 196 124	5%¹
Appoġġ ridistributtiv komplementari għall-introjt	0	n/a²
Bdiewa żgħażaġh (tiġdid ġenerazzjonali)	4 983 840	n/a³

L-alkokazzjonijiet finanzjarji minimi għall-appoġġ għall-bdiewa żgħażaġh jistgħu jiġu riżervati jew taħt Pagamenti Diretti u/jew l-Iżvilupp Rurali. L-iskemi ekoloġiċi taħt Pagamenti Diretti jistgħu jkunu anqas minn 25 % jekk tintuża l-possibbiltà li jintuża l-mekkaniżmu ta' tnaqqis mill-Iżvilupp Rurali, f'konformità mal-Artikolu 97 tar-Regolament (UE) 2021/2115.

¹ meta mqabbla mal-alkokazzjonijiet għall-iżvilupp rurali stabbiliti fl-Anness XI tar-Regolament (UE) 2021/2115

² meta mqabbla mal-alkokazzjonijiet tal-pagamenti diretti stabbiliti fl-Anness IX tar-Regolament (UE) 2021/2115

³ mhux applikabbli peress li l-kontribuzzjoni minima lill-bdiewa żgħażaġh hija stabbilita b'halha ammonti assoluti fl-Anness XII tar-Regolament (UE) 2021/2115

Aktar informazzjoni finanzjarja tista' tinstab fit-taqsimu 6 u fl-Anness V tal-Pjan Strateġiku tal-PAK ta' Malta.

